

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fl-14 ta' Lulju 2021 – LD vs ALB FILS KLINIKEN GmbH**

**(Kawża C-427/21)**

(2021/C 452/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: LD

Konvenut: ALB FILS KLINIKEN GmbH

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija <sup>(1)</sup> japplika meta – kif jistabbilixxi l-Artikolu 4(3) tat-Tarifvertrag für den öffentlichen Dienst (il-Ftehim Kollettiv tas-Servizz Pubbliku, iktar 'il quddiem it-"TVöD") – il-funzjonijiet eżerċitati minn ħaddiem jiġu ttrasferiti lil terz u l-ħaddiem inkwistjoni, li r-relazzjoni ta' xogħol eżistenti tiegħu mal-persuna li timpjega preċedenti tkompli, għandu, fuq it-talba ta' din tal-aħħar, jipprovdi fuq bażi permanenti l-provvista ta' xogħol kuntrattwalment dovuta lit-terz u għalhekk ikun suġġett għas-setgħa ta' tmexxija tiegħu, kemm fil-livell tekniku kif ukoll fil-livell organizzattiv?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

Dan huwa kompatibbli mal-għan ta' protezzjoni tad-Direttiva 2008/104 meta skont il-punt 2b tal-Artikolu 1(3) tal-Arbeitnehmerüberlassungsgesetz (il-Liġi dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni ta' Ħaddiema, iktar 'il quddiem l-AÜG), it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' persunal fis-sens tal-Artikolu 4(3) tat-TVöD, huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni nazzjonali fil-qasam ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema, b'mod li dawn id-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni ma japplikawx f'każ ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' persunal?

<sup>(1)</sup> ĠU 2008, L 327, p. 9.

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2021 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

**(Kawża C-432/21)**

(2021/C 452/05)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Hermes, G. Gattinara, D. Milanowska, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika tal-Polonja

**Talbiet**

Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

— tiddeċiedi li r-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha:

- bis-saħħa tal-Artikolu 6(1) u (2), l-Artikolu 12(1)(a) sa (d), l-Artikolu 13(1)(a) u l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa <sup>(1)</sup>, kif ukoll l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 5(a), (b) u (d) u l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi <sup>(2)</sup>, inkwantu introduċiet fis-sistema legali nazzjonali dispożizzjonijiet li skontraw silvikultura mmexxija fuq il-bażi ta' prattika tajba ma tikser ebda dispożizzjoni ta' konservazzjoni tan-natura taħt id-direttivi dwar l-għasafar u dwar il-habitats;